MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Settembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 51/2003

Il-Pulizija
(Supt. B. Mula)
(Spettur P. Pisani)
(Spettur L. Vella)

VS

Omissis

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1) f'dawn l-ahhar snin qabel l-10 t'April, 2001, f'omissis, u cioe' fil-fond omissis kif ukoll fil-fond omissis, ikkommetta stupru vjolenti fuq il-persuni ta' omissis u ta' ohtha omissis persuni li meta twettqu dawn ir-reati kien ghadhom ma

lahqux l-eta’ ta’ tnax (12) il-sena u li huma t-tfal ta’ hu l-mara tieghu, bi ksur ta’ l-artikoli 198, 201 (a) u 202 (b) (g);
2) fl-istess postijiet, zminijiet u cirkostanzi, b’ghemil zieni, ikkorrompa lil omissis, bi ksur ta’ l-Artikolu 203 (1)(a)(b)(c);
3) fl-istess postijiet, zminijiet u cirkostanzi bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, arresta, zamm jew issekwestra lil omissis kontra l-volonta’ taghhom, liema delitti saru bhala mezz biex dawn iz-zewgt ibniet zghar jigu mgeilgha li jaghmlu xi haga jew joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom, bi ksur ta’ l-Artikoli 86 u 87 (g);
4) fl-istess postijiet, zminijiet u cirkostanzi kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu ghal wiri materjali pornografiku (Video cassette films) pornografici jew oxxeni, bi ksur ta’ l-Artikolu 208.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Marzu, 2003, li biha wara li rat l-artikoli 198, 201(a), 202(b)(g), 203(1)(a)(b)(c), 86 u 87 (g), 208, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat hati ta’ tentattiv ta’ stupru vjolenti aggravat, ta’ korruzzjoni ta’ minorenni aggravat u ta’ sekwestru ta’ persuni w mhux hati tal-akkuzi ta’ pornografija w stupru, mill-liema akkuzi lliberatu, w ikkundannatu b’mod komplessiv ghar-reati li taghhom sabitu hati, ghal piena ta’ prigunerija ta’ seba’ snin. In oltre, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kkundannatu jhallas l-ispejjes tal-Qorti li jammontaw ghal hamsa w disghin lira Maltin (LM95) fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-26 ta’ Marzu, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi (1) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tar-reati ta’ stupru u tar-reat taht l-artikolu 208 u (2) thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati tar-reati ta’ attentat ta’ stupru vjolenti aggravat, ta’ korruzzjoni ta’ minorenni aggravat u sekwestru ta’ persuni, w tiddikjarah mhux hati ta’ dawn l-imputazzjonijiet u konsegwentement tilliberah skond il-ligi w f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza

appellata fil-parti tal-piena billi minflok, minhabba c-cirkostanzi partikolari, tigi mposta piena jew sanzjoni aktar idonea ghall-kaz odjern.

Illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. illi fl-ewwel lok hu jerga jichad bil-qawwa kollha dak li gie allegat fil-konfront tieghu w ma jistax jaghmel hlief dan . Ma jistax jivvinta spjegazzjonijiet u ma jistax jikkreja fatti li ma jezistux. illi l-provi ndiretti m'ghandhomx il-kwalita' idoneja biex jitqiesu provi cirkostanzjali skond il-ligi ghax mhumiex univoci w konkordanti w ma jippuntawx lejn direzzjoni wahda. Mhux eskluz li l-minuri ghelbithom il-kuzita' w raw il-films pornografici “di iniziattiva propria”; illi ma jirrizultax mid-depozizzjoni tal-esperta tal-Qorti minn fejn kien gie t-tbagbis u mhux eskluz li kien rizultat ta' “self-touching” mit-tfal jew fil-kaz ta' omissis bl-uzu ta' sanitary objects; li ma ngabux provi li it-tfal, specjalment omissis kienu sejrin hazin fl-iskola; ghaliex ma gietx mitluba l-assistenza ta' psikjatra jew child psychologist la qabel u lanqas wara li saru maghrufa l-allegati incidenti? F'dan il-kaz ma gie pruvat ebda sinjal ta' trawma psikologika efettiva fuq l-ahwa omissis; l-Ewwel Qorti rinfaccata b'zewg versjonijiet konfliggenti waslet ghas-sejbien ta' htija b'mod mhux kif rikjest mil-ligi w donnu sabet htija “on a balance of probabilities” ; 2. illi mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni ma seta' qatt jirrizulta r-reat (kompriz u nvolut fir-reat ta' stupru vjolent) ta' tentattiv ta' stupru ghax hija mankanti l-prova tal-element intenzjonali . In mankanza ta' provi sufficjenti ta' dan l-element, l-Ewwel Qorti setghet legittimimament tasal biex tikkonsidra r-reat ta' “violent indecent assault” u kien “unsafe and unsatisfactory” li, a bazi tar-rizultanzi processwali , jinstab hati ta' tentattiv ta' stupru ; 3. li ghandu jkun hemm temperament sostanzjali fil-piena ghax il-familja tal-appellant kellha problemi kbar minnhabba il-handicap ta' wiehed minn uliedha li kien “brain injured u wheelchair bound” u apprezzament dwar l-istat tal-personalita' tal-esponent ikun utili ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. 4. ghalkemm fl-inkjesta nhasset il-htiega li l-minuri jigu ezaminati minn tabib psikjatra , din il-linja ma baqghetx tigi segwita w effettivament giet abbandunata fil-kumpilazzjoni .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi l-aggravji principali kollha tal-appellant fuq riassunti huma kollha bazati fuq l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.94; "ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi " [14.2.1989]; "il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace" [31.5.1991] ; "Il-Pulizija vs. Anthony Zammit" [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to

interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed." (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt", deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-gurati , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni w dak l-apprezzament . Biex din il-Qorti , kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju tal-gurati , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux , taht ebda cirkostanza ragjonevoli , jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l- imputazzjonijiet li dwarhom sabet htija fil-konfront tal-appellant .

Illi a skans ta' ripetizzjoni grafika tad-dettalji tal-kaz bizzejjed li jinghad li rrizulta ghas-sodisfazzjon tal-Ewwel Qorti li fuq periodu ta' zmien l-appellant kien qed jabbuza miz-zewg neputijiet tieghu bniet,li kienu taht l-eta' ta' tnax

il-sena w li kien jassoggetthom ghall-pratici sesswali ta' kull tip , meta dawn kienu jkunu fid-dar tieghu , fejn suppost kienu jmorru principalment biex izommu kumpanija lill-iben l-appellant li kien serverament andikappat. Din il-Qorti fliet bir-reqqa d-depozizzjonijiet tal-minuri w ma tara li hemm ebda raguni ghala l-Ewwel Qorti - li kellha l-vantagg li semghet dawn ix-xhieda "viva voce" u tippeza l-karattru w l-komportamnent taghhom – ma kellhiex tati affidament lix-xhieda taghhom li kienet komplimentari w korroboranti ghal ta' xulxin bhala dak li in subiecta material jissejjah "a system of conduct" , ghalkemm dak li gara ma wahda w li gara mal-ohra, graw separatamenti .

Illi l-ewwel ilment tal-appellant li l-Ewwel Qorti ddeciediet il-kaz "on a balance of probabilities" ma jidhirx gustifikat. Ghall-kuntrarju l-Ewwel Qorti fil-parti introduttiva tas-sentenza appellata ghamlet rassenja magistrali tal-gurisprudenza in materia fejn dejjem gie ritenut li kull dubju dettat mir-raguni ghandu jmur favur l-akkuzat fil-kamp penali . Di fatti jidher li fejn l-Ewwel Qorti kellha xi dubju w dana dwar il-penetrazzjoni attwali tal-organi genitali tal-minuri , dan akkordatu favur l-appellant u dan nonostante l-principju ta' dritt li anki l-icken pentrazzjoni hija bizzejjed biex ikun jissussisti r-reat ta' stupru vjolent .

Saret riferenza ghas-sentenza ta' LORD DENNING fil-kaz "Miller vs. Minister of Pensions" – [1974 2 All ER 372 ] fejn gie spjegat il-kuncett tar-"reasonable doubt" u senjatament fejn dan il-gurista qal :-

*"Proof beyond reasonable doubt does not mean proof beyond a shadow of a doubt . The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibilitry in his favour, which can be dismissed with the sentence : "of course it is possible but not in the least probable.", the case is proved beyond reasonable doubt , but nothing short of that will suffice."*

Illi l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ukoll iccitat diversi precedenti dwar il-grad li trid tilhaq ic-“circumstantial evidence” u li kienet ben konxja mil-limitazzjonijiet ta’ tali tip ta’ prova . Ghalhekk meta l-Ewwel Qorti vvalutat il-piz li kellu jinghata lill-provi ndiretti f’dan il-kaz , kienet orjentata sew fuq il-binarji legali regolaturi w ma ddecidietx b’kapricc jew b’mod legger .

Kienet ukoll korretta l-Ewwel Qorti meta qalet li l-provi ma ghandhomx jigu analizzati b’ mod spezzattat u individwali izda flimkien u fl-assjem taghhom sabiex  wiehed jara x’inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli w legali wiehed jista’ jaghti lil dawk il-provi.

Illi l-mod kif il-kaz gie zvelat b’mod riluttanti ghall-ahhar minn wahda mill-minuri  hu ferm sintomatiku ta’ kaz genwin fejn minuri thoss li ghandha tghid dak li jkun gara, izda fl-istess hin tisthi taghmel dan u thoss imbarazz kbir biex tizvelah lill-ommha. Tant hu hekk li setghet taghmel dan biss meta giet mitluba minn ommha biex tikteb sewwa sew x’ kienet ghaddiet minnu . Illi dan gara wara li l-minuri kienet ghaddejja minn periodu ta’ dwejjaq u sahansitra kienet abbozzat “suicide note” .

Umbaghad il-mod dettaljat kif wahda mil-minuri spjegat kif l-appellant dahal fin , fin biex beda jabbuza minnha hu ghal kollox kredibbli w perswaziv ghall-ahhar . L-ewwel beda b’loghba,  umbaghad wasal ghall-iskop zieni tieghu . Anki l-minuri l-ohra tat deskrizzjoni ferm kredibbli ta’ dak li kien jaghmel maghha l-appellant . Altru milli l-Ewwel Qorti kellha raguni bizzejjed biex temmen il-versjoni tal-minuri fil-genwinita’ w l-mod skjett li bih inghatat .

Ghalhekk konsidrat kollox jidher li l-ewwel ilment tal-appellant huwa wiehed infondat .

Illi dwar it-tieni aggravju li ma jirrizultax l-element intenzjonali tal-istupru ,minn dak deskritt mill-minuri jidher car li l-appellant kien jaghmel minn kollox biex jipprova jippentra l-organi genitali tal-minuri w prova ta’ dan hu l-fatt li al menu wahda mill-minuri kienet tipprova ugiegh u tirrezisti . Biex ikun hemm ir-reat ta’ stupru mhux mehtieg

li jkun hemm penetrazzjoni shiha w l-icken bidu ta' konnessjoni karnali hija sufficjenti biex jissussisti r-reat . Ghalkemm it-tabiba nominata mill-Qorti ma sabitx evidenza ta' penetrazzjoni , sabet sinjali ta' tbaghbis u dan minnu nnifsu jikkorrobora l-versjoni tal-minuri li l-appellant kien jasal sal-istadju li jpoggi l-parti genitali tieghu mall-vestibolu tal-minuri w jezercita certa pressjoni b'mod li jweggaghha . L-Ewwel Qorti, fuq bazi ta' dan, setghet, kieku riedet, anki sabet lill-appellant hati tar-reat ta' stupru vjolent ikkunsmat u mhux ta' tentattiv kif ghamlet , izda dwar dan ma sar ebda appell mill-Avukat Generali . Allura anki jekk jigi koncess lill-appellant d-dubju dwar sa fejn attwalment wasal , b' dak li rrizulta din il-Qorti hija sodisfatta, kif kienet l-Ewwel Qorti – li r-reat ta' tentattiuv ta' stupru ghandu jirrizulta pruvat u li dan ma kienx biss kaz ta' attentat violent ghall-pudur kif jissottometti l-appellant . Ghalhekk it-tieni aggravju tal-appellant hu nfondat .
Ovvjament peress li l-omm saret taf bil-kaz ferm wara , ma kienx verosimiliu li wiehed jistenna li hi tosserva xi sinjali ta' "bruising" fuq il-minuri fil-parttijiet intimi taghhom jekk dawn ma jilmentawx maghha dwar dan huma stess . Ghalhekk dan l-argument tal-appellant ftit li xejn ireggi.

Illi umbaghad hu ovvju li l-atti deskritti mill-minuri rispettivi fix-xiehda taghhom huma atti zienja w li dawn jikkostitwixxu r-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni b'mod lampanti w dwar dan id-difiza ma jidhirx li qajmet xi kontestazzjoni apparti dik tal-kredibilitita' tax-xiehda tal-minuri gja fuq trattata .

L-istess il-fatt li ghal xi hin il-minuri kienu jissakkru go kamra w ma jithallewx johorgu liberament , jirrizulta w dan jammonta ghar-reat riskontrat mill-Ewwel Qorti ta' sekwestru tal-persuna w liema delitt serva bhala mezz biex dawn iz-zewgt ibniet zghar jigu mgieghla li jaghmlu xi haga jew joqghodu ghal xi haga li toffendi l-mistija tas-sess taghhom. .

Fil-fehma ta' din il-Qorti – konsidrati il-provi – l-Ewwel Qorti altru li setghet kemm legalment u kif ukoll ragjonevolment tasal ghall-pronunzjament ta' htija dwar ir-

reati fejn din il-htija giet riskontrata. Il-fatt li l-appellant cahad dawn l-incidenti w li ghalhekk hemm konflitt fil-provi ma jfissirx necessarjament li hu kellu jigi liberat ghax l-Ewwel Qorti kienet libera li temmen il-versjonijiet tal-minuri w tiskarta dik tieghu . Mhux kull konflitt fil-provi awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni ta' akkuzat .

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appel Kriminali : "Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker" [ 19.5.1997] :-

*"It is true that conflicting evidence 'per se' does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may , after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Finalment dwar ir-raba' aggravju li jirrigwarda l-fatt li fil-kompilazzjoni l-minuri ma gewx assoggettati ghall-ezami psikjatriku, din il-Qorti thoss li dan ma jikkostitwixxi ebda rregolarita' la ta' natura procedurali w lanqas ta' indoli sostantiva , anki jekk dan kien ser isir fl-inkjesta. Apparti l-fatt li jekk l-appellant deherlu li dan kellu jsir, immissu nsista hu li jsir 'a tempo debito' billi jivverbalizza t-talba tieghu ghal dan l-iskop, haga li m'ghamilx, din il-Qorti ma tarax li kien ser ikun ta' xi utilita' kbira biex tohrog il-verita' li z-zewg minuri jigu assoggettati ghall-ezamijiet psikjatrici oltre dak li kienu gja ghaddew minnu w li dan la kien ser jghin lill-Ewwel Qorti biex tivvaluta l-provi ahjar u lanqas ma kien ser jissostitwixxi l-provi skjaccanti li kien hemm kontra l-appellant. Din il-Qorti ma tarax li dan kien mehtieg u ergo il-fatt li ma sarx ma jirrizultax li kien ta' xi pregudizzju ghall-kaz tal-appellant.

Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li hemm raguni ghala ghandha tiddisturba id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi w s-sejbien ta' htija .

Ghar-rigward tal-piena , l-aggravju tal-appellant jghid li jidher li hemm lok ghall-temperament minnhabba l-fatt li l-

appellant ghandu problema b'tifel andikappat. Fil-waqt li din il-Qorti – del resto l-istess bhall-Ewwel Qorti - ma tistax ma tissimpatizzax mall-appellant ghal dan, mill-banda l-ohra , s-serjeta' w l-gravita' tar-reati li taghhom l-appellant instab hati , id-duratura taghhom fuq firxa twila ta' zmien u l-perversita' ta' uhud mill-atti sesswali li l-appellant ippratika fuq il-minuri ma jistghu isibu ebda skuzanti jew attenwanti , kien xi kien l-istat ta' iben l-appellant. Allahares kull min ghandu t-tfal andikappati jinghata' xi "carte blanche" biex jikkommetti delitti ta' liema xorta jkunu bla ma jhallas id-debitu li hu jkollu versu s-socjeta'. Jew inkella b' mod partikolari jinghata licenzja biex jabbuza fuq tfal minuri ohra. Kif issottometta l-gharef prosekutur, l-appellant imissu irrifletta fuq l-istat dipendenti t' ibnu andikappat qabel ma intefa' ghall-karriera ta' abuzz sesswali fuq in-neputijiet tieghu w mhux issa li gie kundannat . Ghalhekk dan l-aggravju kif impustat huwa nsostjenibbli u qed jigi respint.

Illi f' kull kaz mbaghad il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999] , "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn.)

Illi fuq l-akkuzi li nstab hati taghhom l-appellant seta wehel massimu ta' dsatax il-sena priggunerija konsidrati r-reat kontinwat fuq it-tlitt imputazzjonijiet , l-aggravanti u l-konkors tal-pieni w ghalhekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti ma tohrogx mill-parametri legali w zgur li ma tistax titqies bhala manifestament esagerata, konsidrati l-gravita' , l-perversita' w r-ripetizzjoni fuq firxa twila ta' zmien tal-atti zienja fuq in-neputijiet tieghu li kienu ghadhom f' eta' tenera w dan b'abbuz ta' fiducja li tpoggiet fih bhala zijuhom . Ghalhekk din il-Qorti ma tara li hemm ebda lok biex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Fl-ahhar nett din il-Qorti tordna li – BISS BIEX TIGI PROTETTA L-IDENTITA’ TAL-MINURI KONCERNATI - isimhom u kunjomhom , isem u kunjom il-genituri taghhom , il-post fejn joqghodu w fejn imorru skola, kif ukoll isem u kunjom l-appellant u dettalji ohra li bihom jista’ jigi identifikat ma ghandhomx jixxandru jew jigu pubblikati fuq il-media.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------